MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Numru 59/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldaccino)**
**vs**
**Renald Rotin**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Renald Rotin** ta' 31 sena, bin Mario u Salvina *xebba* Agius, imwieled Pieta' nhar it-3 t'April, 1980 u residenti 110A Triq il-Marlocc Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 225780M;

Talli nhar it-18 ta' Jannar 2012, gewwa Sliema, ikkommettejt serq ta' Apple I-Pad li jiswa madwar €800 ghad-dannu ta' Paul Apap Bologna ID 70372M minn Hal-Lija u/jew persuni ohra, leima serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi €232.94 imma jaqbizx l-€2,329.37 u bix-xorti tal-haga misruqa minn gewwa vettura tat-tip Ford bin-numru tar-registrazzjoni GRE111

U aktar talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi rendejt ruhek recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi ma jistghux jigu mhassra;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261(c) u (g), 267, 271(g), 280 u 281 u 49 u 50 tal-Kap 9;

Rat il-fedina penali raffrettarja tal-imputat u hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu kif ukoll tal-fatt illi r-rifurtiva kienet ritornata mill-Pulizija lil sidha;

Tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' disa (9) xhur mil-lum.

Stante li l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja, tordna li dawn l-atti jintbaghtu lill-istess avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------